*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 28*

***5.30p.m 8 t'April 2021***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online.

### *28.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

28.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## *28.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

28.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 27. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

28.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li dwar il-kwistjoni tal-*Contract Manager,* id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kkonferma li l-persuna ma tistgħax tkun mill-*Community Worker Scheme*, iżda trid toħroġ vakanza, li ġie miftiehem li din għandha tkun fi skala 18. B'hekk il-Kunsill ser imexxi hekk. Apparti hekk is-Sindku nforma lil dawk preżenti dwar li ħaddiem is-Sur Anthony Abela li ġie trasferit u m'għadux jaħdem mall-Kunsill.

28.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li propju f'dawn l-aħħar ġranet ġie mgħarraf mill-kumpanija FACES dwar l-implikazzjonijiet relatati mall-Bus Shelters fil-lokalita' tal-Marsa. Dan hekk kif matul dawn l-aħħar xhur tneħħiet il-bus shelter ta' quddiem il-One TV f'Aldo Moro min Infrastructure Malta. Is-Sindku spjega li l-bus shelters huma propjeta' tal-Kunsill Lokali u li fl-2001 l-manutenzjoni tagħhom għaddiet għal-kumpanija FACES permezz tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għall-perjodu ta' għaxar snin u dawn reġgħu ġew imġedda fis-sena 2018. L-assoċjazzjoni nfurmat lis-Sindku li l-kumpanija FACES setgħet tfittex il-Kunsill Lokali għad-danni tal-bus shelter peress li dan xorta jibqa' propjeta' tal-Kunsill Lokali u għalhekk kien hemm bżonn urġenti li jsir mandat. Is-Sindku saħaq dwar id-dritt legali li huwa u s-Segretarju Eżekkutiv bħala amministrazzjoni huma legalment obbligati li jissalvagwardjaw dak li huwa tal-Kunsill u jħarsu l-Kunsill mill-ħsarat li jista' jsofri. Kien hawn diskussjoni dwar il-materja. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li idejalment din kienet tkun materja li ġiet diskussa fil-Kunsill u mhux sar mandat mingħajr il-kunsens tal-Kunsill. Apparti hekk l-Assoċjazjoni kellha tikkommunika bil-miktub mall-Kunsill, kif ukoll ma Infrastructure Malta, u mhux jagħmel mandat il-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-kumpanija FACES għamlet żball li meta' tneħħiet il-bus shelter ma kkonsultatx mall-Kunsill Lokali. Huwa saħaq li l-Kunsill għandhu jitlob parir legali hekk kif diġa sar il-mandat. Is-Sindku qabel li ser jitlob lill-avukat jagħti l-Kunsill parir legali dwar is-sitwazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jistgħa jieħu deċiżjonijiet bl-informazzjoni quddiemu.

28.2.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jixtieq jissuġġerrixi li l-iskip li hemm fi Triq l-Iskola u ż-żewġ skips li hemm fi Triq il-Jum jitneħħew minħabba l-abbuż kontinwu li qed isir fihom. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li jixtieq jistaqsi fuq l-ammont tal-prezz li qed jonfoq il-Kunsill

għall-extra service. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa jekk verament l-extra service li qed jonfoq il-Kunsill huwiex jaħdem. Is-Sindku spjega li matul dawn l-aħħar tlett gimgħat fi Pjazza G.F Abela ingħatat footage lill-Pulizija u l-persuna kkonċernata ġie mmultat darbtejn. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li hemm xi ħaġa li mhix qed taħdem sewwa fosthom programm effettiv biex jinġabar l-iskart hekk kif il-hotspots nafuhom. B'hekk is-Sindku qal li hemm bżonn ngħafsu aktar fuq l-infurzar. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerrixxa li ssir laqgħa ma dawk kollha kkonċernati l-ERA, WasteServ, il-Ministru Farrugia sabiex nindirizzaw dawn il-problemi u fosthom l-infurzar. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel ma din il-proposta.

## *28.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

28.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li r-residenti ta' Triq il-Ħaddiem qed jitolbu l-Kunsill sabiex isiru xi bankijiet, u niċċa tal-Madonna. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din il-proposta kienet diġa' tressqet fl-laqgħa preċedenti u konna ftehmna li ser inkellmu lill-Falzon Group jekk ikunx lesti jagħmlu  dan ix-xogħol. Madankollu peress li l-Kunsill kellu l-kwistjoni tal-biofuel ma Falzon group ma konniex avviċinajnihom. Is-Sindku jaqbel li nressqu proposti sabiex ikun hemm tisbiħ fil-post.

28.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri talab jekk kienx hemm xi update fuq dog park bħalma hemm fil-lokalita' tax-Xgħajra. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa għadu xettiku dwar dan il-park peress li l-post propost huwa tal-Ġnien 6 t'Awissu, post iffekwentat mit-tfal. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti, s-Sindku qal li dan ser ikun item f'laqgħa oħra meta jkun għamel studju sew fuq din il-proposta.

28.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal jekk kienx hemm follow-up mill-Kunsill wara l-meeting mall-Onorevoli Miriam Dalli partikolarment minħabba l-irwejjaħ fi Triq is-Sajjieda. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li filwaqt li l-Kunsill kien qed jissielet fuq affarijiet oħra dawn l-aħħar, dan il-follow up ser isir zgur.

Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer informa lil dawk preżenti li l-mutur li ilu jitkellem fuqu għadu hemm. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dawn il-problemi huwa konxju minnhom u fl-istess ħin qed jistenna l-Community Police sabiex dawn l-affarijiet jiġu ndirizzati. Huma ser ikunu qed jiġu f'Mejju.

## *28.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

28.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 04/2021 annessa.

28.5.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab informazzjoni dwar l-ħlas ta' madwar €500 relatat mall-filming li sar. Apparti hekk ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill li mhux ħaġa aċċettabli li schedule tintbgħat darbtejn u li t-tibdil  ikun relatat mall-kuntrattur tal-patching. L-ammonti li hemm imniżżlin għandhom l-ewwel u qabel kollox ikun hemm ċertifikazzjoni tal-perit tal-Kunsill, u jemmen li l-Kunsill għandhu jagħmel espressjoni t'interess sabiex jara min huwa interessat jagħmel dan ix-xogħol. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi wieġeb li l-€500 huwa kont bl-lura ta video ta' niċċeċ fil-Marsa li sar għal Jum mil-Marsa kif kien approvat fl-laqgħa preċedenti. Dwar il-ħlas relatat mall-

kuntrattur tal-patching, is-Sindku filwat li jaqbel li l-Kunsill għandhu jagħmel espressjoni t'interess u li jkun hemm anke iċ-ċertifikazzjoni tal-perit jixtieq jerġa jfakkar li l-dawn l-istimi kienu telgħu speċifikament fl-laqgħat tal-Kunsill preċedenti sabiex ikunu approvati individwalment. Wara li ma kienx hemm aktar mistoqsijiet ġie miftiehem li l-ħlasijiet tal-kuntrattur tal-patching jinżammu sakemm ikun hemm ċertifikazzjoni tal-Perit. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-vot favur kien unanimu.

### *28.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

28.6.1. Ma kienx hemm korrispondenza.

## *28.7 Kwotazzjonijiet u deċizjoni dwar Servizz t'Accountant*

28.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekutiv is-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex jagħti d-dettalji tal-kwotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill. Is-Segretarju spjega li filwaqt li ssoltu ikun hemm item speċifika li titla fil-Kunsill qabel ma jidħlu l-kwotazzjonijiet, din id-darba kien hemm urġenza kbira biex jinġabru dawn il-kwotazzjonijiet hekk kif l-accountants li kellu l-Kunsill waqfu jagħmlu xogħol lill-Kunsill mingħajr avviż. Sadanittant, il-kwotazzjonijiet miġbura huma għal perjodu ta' sena u huma mill-kumpaniji Parker Randall Turner għall-prezz ta' €4,800, Romina Perici Ferrante għall-prezz ta' €4992, u DGalea Consult Limited għall-prezz ta' €9027. Wara li l-Membri evalwaw dawn l-offerti, huma għażlu l-orħos waħda li hija ta' Parker Randall Turner. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *28.8 Għażla ta' Ħames Charging Stations*

28.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill li kif ġie diskuss fl-imgħoddi l-Kunsill jixtieq iżid l-ammont ta' charging stations fil-lokalita' għall-benefiċċju ta' dawk ir-residenti li għandhom karozzi eletriċi. Huwa talab lill-dawk preżenti sabiex ikun hemm qbil fuq il-postijiet li dawk għandhom isiru. Wara diskussjoni il-postijiet imsemmija huma; charging station fuq il-Pont ta' San Tumas, fi Triq is-Salib tal-Marsa, fi Triq Isouard, Triq is-Sebħ u Triq il-Jum. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *28.9 Update fuq Ġnien Belveder*

28.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-membri tal-Kunsill li sa fl-aħħar wara ħafna diskussjonijiet li kellu f'dawn l-aħħar xhur il-Kunsill ser jasal għall-ftehim ġdid li fiħ ser ikun msebbaħ Ġnien Belveder bil-pjanti u d-disinn li kien ġie ppreżentat f'seduti preċedenti. Ambjent Malta qegħda tressaq agreement li fiħ il-Kunsill ser ikun qed iħallas l-ammont ta' €100,000 mill-Urban Development Funds, filwaqt li huma ser joħorġu l-kumplament ta' €284,000, għas-somma

globali ta' €384,000 li huwa l-prezz tal-proġett kif ingħata t-tender. L-agreement ser ikun bid-dettalji kollha inkluż il-flejjes li ser jintefqu u wara li kien hemm diskussjonijiet mall-perit biex niċċertifikaw li kollox sar kif suppost. Wara li ħadd aktar ma kellu mistoqsijiet addizzjonali, il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *28.10 Kwotazzjoni u Deċiżjoni dwar il-fanali tal-Paroċċa Marija Reġina*

28.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li wara laqgħa preċedenti fejn kienu tressqu xi kwotazzjonijiet il-Kunsill għandhu f'idejħ kwotazzjonijiet ġodda. Is-Segretarju Eżekkutiv is-Sur Edward Spiteri Audibert qal li l-kwotazzjonijiet huma kif ġejjin, ta' Mallia Stoneworks għal xogħol fuq il-ġebel għall-prezz ta' €625.40 (VAT inkl.), Agius Marble Works Ltd għal-xogħol fuq spuma marble għall-prezz ta' €1062 (VAT inkl.) u Halmann Vella fuq xogħol ta' hardstone għall-prezz ta' €1699.14 (VAT inkl.). Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie magħżul Agius Marble Works Ltd peress li l-Kunsill ser ikun qed jagħżel l-orħos prezz għal ifjen materjal offrut. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *28.11 Laqgħa Pubblika*

28.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ki stipulat bil-liġi l-Kunsill huwa obbligat li jagħmel laqgħa pubblika. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie deċiż li l-laqgħa pubblika tkun nhar it-Tlieta fis-6.00 ta' filgħaxija online permezz ta' Zoom Meeting. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *28.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

28.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm u ġiet aġġornata għas-6 ta' Mejju fit-5.30pm online kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |